MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 39/2009

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

***Versus***

***Fat Magnets Limited***

1. Dan il-provvediment huwa dwar rikors tas-soċjetà *Fat Magnets Limited* ("ir-Rikorrenti") biex il-qorti tiċħad talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ("Il-Kummissarju") għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul, taxxa provviżorja u taxxa addizzjonali.
2. B'ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 2008 il-Kummissarju kien talab lir-Rikorrenti tħallas mitejn u sbatax-il elf, ħames mija u ħamsa u erbgħin euro (€217,545) taxxa fuq id-dħul jew taxxa provviżorja għas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 u 2007 u taxxa addizzjonali skond avviż maħruġ taħt l-art. 44(2A)(*ċ*) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372]. Billi r-Rikorrenti ma kinitx ħallset wara dak l-avviż, il-Kummissarju fl-ittra uffiċjali wissieha illi, jekk ma

tħallasx fi żmien jumejn min-notifika tal-ittra, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu miksub taħt l-art. 40 tal-Kap. 372.

3. B'rikors tal-15 ta' Jannar 2009 ir-Rikorrenti talbet illi l-qorti tiċħad it-talba magħmula mill-Kummissarju fl-ittra uffiċjali għal dawn ir-raġunijiet:

a. għax hi dejjem ħallset it-taxxa li kellha tagħti skond il-liġi, u għalhekk ma għandha tagħti xejn; u

b. għax it-talba waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 47(2) tal-Kap. 372.

4. Il-Kummissarju wieġeb fl-20 ta' Frar 2009 u ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi r-rikors ma jiswiex għax ma huwa mibni fuq ebda dispożizzjoni tal-liġi. Jekk huwa maħsub biex jibda kawża ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif trid il-liġi, u lanqas ma sar fil-forma ta' kawża ta' jattanza. Ir-rikorrent irid għallinqas igħid fuq liema dispożizzjoni ta' liġi qiegħed isejjes ir-rikors ladarba la l-art. 466 u lanqas l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħoddu għall-każ, għax l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 2008 ma saritx taħt l-art. 466 u lanqas ma hija mandat taħt l-art. 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

5. Din l-eċċezzjoni tal-intimat hija tajba u jixraq illi tintlaqa'.

6. L-ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 2008 saret biex l-intimat jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi taħt l-art. 40 tal-Kap. 372 biex jiġbor it-taxxa mingħand ir-Rikorrenti. L-art. 44(2A)(*ċ*) tal-Kap. 372 jipprovdi illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att, ikun jista' jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi. L-art. 44(3) imbagħad igħid illi ebda oppożizzjoni ħlief dik speċifikament imsemmija fl-istess Att ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att esekuttiv miksub taħt l-Att jew il-ħlas mir-rikavat minn xi mandat jew bejgħ b'irkant imwettaq skond dak l-att esekuttiv.

7. Appell kontra l-istimi u l-avviżi maħruġa mill-Kummissarju jsiru taħt id-dispożizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Speċjali taħt l-art. 34, u minn deċiżjoni ta' dak

il-bord jista’ jsir appell fuq punt ta’ liġi biss quddiem il-Qorti ta’ l-Appell fil-kompetenza inferjuri jew superjuri skond il-*quantum* tal-kontestazzjoni. Wara li jinqata’ l-appell, jew jekk ma jsirx appell fiż-żmien li tagħti l-liġi, l-istima ssir finali.

8. Jidher għalhekk illi l-liġi ma tagħtix ir-rimedju li qiegħed jitlob ir-rikorrent b’rikors mhux maħluf, u l-eċċezzjoni tal-Kummissarju hija tajba. Għal din ir-raġuni l-qorti teħles lill-Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------